# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 48 – IT-TNEJN 26 TA' NOVEMBRU 2012
## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fl-4:25pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm membri tal-pubbliku waqt il-laqgħa.

**1. OFFERTA NRU. MTFLC/T/03/2012 – *REFURBISHMENT WORKS AT LANDSCAPED AREAS WITHIN OLD BARRACKS AREA***

1.1 Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-aġġudikazzjoni u għaldaqstant intagħżel il-kuntrattur Daniel Attard li kellu l-irħas offerta, jiġifieri għal €19,800. Is-Sur Attard kien informa li kien se jagħmel xi manutenzjoni ħafifa fuq iċ-ċnut mingħajr spejjeż żejda għall-Kunsill filwaqt li kien lest ukoll li jestendi x-xogħol meħtieġ għal Triq il-Ġiżi bl-istess rati jew aħjar. Is-Sur Attard kien ikkonferma wkoll li kien se jibda x-xogħol nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru.

**2. KWOTAZZJONI NRU. MTFLC/Q/01/2012 – *LAYING OF ELECTRICAL MAINS AND NECESSARY WIRING TO CONNECT 140 PIECES OF CHRISTMAS DECORATIONS***

2.1 Kienu applikaw żewġ offerenti u l-kuntrattur li kellu l-irħas offerta, is-Sur Noel Borg ta skont addizzjonali ta' €300 minn €3000 għall-prezz finali ta' €2700 bil-VAT inkluża. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jagħżel din l-offerta.

**3. MEMO 38/2012 – SKEMA DWAR INIZJATTIVI TA' ATTIVITAJIET 2012/2013**

3.1 Kien hemm qbil li l-attività tal-Fjuri tissemma' Mtarfa Fjurita u se tinżamm nhar is-Sibt 27 ta' April 2013. Kemm-il darba jkun hemm biżżejjed fondi, il-Kunsill kien se jikkunsidra wkoll li l-attività tkompli l-għada l-Ħadd 28 ta' April 2013.

3.2 Kien hemm qbil anonimu li l-attività ta' Military Mtarfa timxi għall-Ħadd 12 ta' Ottubru 2013.

Il-laqgħa spiċċat fil-5:10pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |